# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 2 ta' Frar, 2022

Avviz tat-Talba numru: 290/2020 CL

It-Tribunal;

**Emma Camilleri**

[K.I. NRU. 236800L)

**VERSUS**

**Sian Muscat**

[K.I. NRU. 447998M)

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-13 ta' Novembru, 2020 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €2200, in kwantu bilanc ta' €1500 wara li hi kienet silfitu s-somma ta' €1800 li minnhom kien hallasha lura €300 biss. L-attrici talbet ukoll is-somma ta' €700 li huwa l-valur tal-mobile tal-marka *iphone* 8+ li l-kien kissrilha l-kovenut. Bl-ispejjez kif ukoll l-imghax mill-1 ta' Jannar 2020.

Ra illi l-konvenut ipprezenta risposta fit-18 ta' Mejju 2021, fejn irreleva li l-ammont kif mitlub ma kienx dovut ghax fil-fatt kien ferm eccessiv.

Ra l-affidavit tal-attrici u d-dokumenti annessi fejn l-attrici iddikjarat illi kienet silfet €1800 lil-konvenut biex jixtri karrozza u kienet ghadditlu l-flus f'zewg pagamenti separati, wiehed ta' €1000 u iehor ta' €800. Il-konvenut kien hallasha lura €300 u ghalhekk kien baqa' bilanc ta' €1500. L-attrici talbet ukoll €700, li huwa l-valur tal-mobile *iphone* li kien kissrilha l-konvenut waqt argument.

Ra li wara li l-attrici ghalqet il-provi fil-21 ta' Gunju 2021, l-kawza thalliet ghal-provi konvenut, izda fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2021, il-konvenut ma ipprezenta ebda prova ghalkemm talab differiment sabiex jaghmel proposta ghat-transazzjoni. Minkejja li kien hemm zewg seduti ohra ghal provi konvenut, il-konvenut ma deher qatt u l-avukat difensur tieghu iddikjarat illi kienet tilfet il-kuntatt mieghu. Ghalhekk it-Tribunal iddikjara l-provi maghluqa u l-kawza thaliet ghas-sentenza.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief, li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attrici huwa interament dovut mill-konvenut. Stante li ma hemm ebda referenza illi kien hemm xi ftehiem dwar l-imghax it-talba ghal-imghax mill-1 ta' Jannar 2020 ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici s-somma ta' elfejn u mitejn euro (€2,200) bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, huma a kariku tal-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**